Ref. Tagħna: *SPI*/SCI/04/2026

ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/SCI/04/2026

Lis- Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

Kopja lill- Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Reġjonali

Mingħand: Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Suġġett: Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

Data: 11 ta' Marzu 2026

---

1. Għan

1.1 Il-manutenzjoni regolari fuq spazji u postijiet pubbliċi hija rwol vitali u integrali kemm għas-sigurtà tar-residenti kif ukoll għodda sabiex jiżdied is-sens ta' appartenenza u benessere fi ħdan il-komunitajiet. Il-Kunsilli Lokali huma strumentali f'dan ir-rwol u l-investiment li jsir ta' kuljum f'dan il-qasam huwa investiment kemm fl-ekonomija lokali, kif ukoll fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

Għal dan il-għan, għat-tmien sena konsekuttiva, is-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali flimkien mad-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* qed jinvestu fondi sabiex jassistu l-Kunsilli Lokali jżommu fi stat tajjeb dawk il-proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew mwettqa mill-Gvern Ċentrali fil-komunitajiet tagħna.

Kunsill Lokali ħa jkun jista' jibbenefika minn finanzjament sa' massimu ta' €30,000 (inkluż il-VAT) għall-manutenzjoni u sostenn ta' proġett li jinstab eliġibbli.

2. Objettivi

2.1 Aktar kumditajiet, sigurtà u kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti tal-lokalitajiet tagħna; u

2.2 Tisbieħ ta' postijiet, proġetti jew spazji miftuħa li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

3. Eliġibilità

3.1 Dawk il-Kunsilli Lokali li fil-Lokalità tagħhom ġie mwettaq proġett mill-Gvern Ċentrali **mis-sena 2015 'l hawn huma eliġibbli** li japplikaw għal dan il-finanzjament;

3.2 Xogħlijiet u servizzi li għadhom koperti bil-garanzija, **mhumiex eliġibbli**;

3.3 Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn dan il-finanzjament fis-snin li għaddew permezz ta' din l-iskema u li l-proġett tagħhom għadu fis-stat ta' implimentazzjoni, **mhumiex eliġibbli** li japplikaw din is-sena taħt din l-iskema.

4. Kriterji ta' Evalwazzjoni

4.1 Spejjeż straordinarji ta' manutenzjoni u sostenn;

4.2 Spejjeż li m'humiex koperti bl-allokazzjoni finanzjarja ta' l-istess Kunsill Lokali;

4.3 Ħa jiġi kkunsidrat il-bżonn u l-urġenza tax-xogħlijiet u servizzi; u

4.4 Il-formula tal-applikazzjoni mimlija b'mod korrett, bl-informazzjoni u d-dokumenti provduti kollha fil-ħin stipulat skont Artiklu 7.3.

5. Kundizzjonijiet tas-Sottomissjonijiet

Kull Kunsill Lokali interessat għandu jsegwi dawn il-kundizzjonijiet fit-talba li jkun qiegħed jissottometti:

5.1 Kull Kunsill Lokali jista' **japplika għall-proġett wieħed biss**;

5.2 Fl-applikazzjoni mehmuża għandha tingħata deskrizzjoni tal-proġett li kien ġie iffinanzjat u mwettaq mill-Gvern Ċentrali, kif ukoll id-data ta' meta tlestew ix-xogħlijiet;

5.3 Kull sottomissjoni għandha tinkludi deskrizzjoni ddettaljata u stima tax-xogħlijiet jew servizzi proposti għall-manutenzjoni u sostenn tal-proġett taħt din l-iskema;

5.4 Din l-istima għandha tkun **waħda teknika** (maħruġa, imfassla u ffirmata minn perit, inġinier, *electrician* eċċ, jiddependi mix-xogħlijiet/servizzi) u għandu jingħata wkoll *breakdown* ta' l-ispiża totali kif ukoll informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoniet minn *suppliers* u *standards* fejn applikabbli. **Kwotazzjonijiet ma' jgħoddux bħala stimi tekniċi;**

5.5 Mal-applikazzjoni għandha tintbagħat *site plan* immarkata li tindika fejn ser isiru x-xogħlijiet li qed jintalab il-finanzjament għalihom;

5.6 Għandhom ukoll jiġu mehmuża ritratti tal-post li juru l-istat li jinsab fih il-post fejn qed jintalab il-finanzjament għalih;

5.7 Għandu jintbagħat *concept sketch* bażiku, kif ukoll *scaled drawings* u *elevations* tal-proġett (fejn applikabbli);

5.8 Għandu jiġi anness **pjan ta' azzjoni** (formula annessa) dettaljat ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett fil-perjodu tal-implimentazzjoni allokat, f'Artiklu 6.3 ta' din iċ-Ċirkulari; Din il-formula ħa sservi wkoll bħala **r-rapport ta' progress** imsemmi f'Artiklu 6.9;

5.9 Il-proġett li għalih qed jintalab il-finanzjament għandu jkun approvat mill-Kunsill u jitniżżel fil-minuti flimkien mar-referenza ta' l-Iskema li l-Kunsill ikun qed japplika għaliha. **Kopja sħiħa ta' dawn il-minuti** approvati għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni. **Għandha tiġi approvata wkoll l-ispiża li se jiffinanzja l-Kunsill.** F'każ li l-minuti ma' jkunux għadhom ġew approvati sad-data ta' l-għeluq ta' l-iskema, tiġi aċċettata **kopja tar-Riżoluzzjoni** ffirmata, hekk kif inhu stipulat fl-Ordnijiet Permanenti (Sitt Skeda, Artikolu 43) tal-Att dwar il-Gvern Lokali, Kap. 363.

5.10 **Applikazzjoni tiġi skwalifikata jekk il-minuti ma jirriflettux l-approvazzjoni tal-proġett li għalih il-Kunsill ikun qiegħed japplika, kif ukoll l-approvazzjoni li l-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus;**

5.11 Mal-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata d-**dikjarazzjoni** li l-ispejjeż elenkati fl-applikazzjoni li qed jiġi mitlub il-finanzjament għalihom, m'humiex iffinanzjati minn xi fondi oħra;

5.12 Għandha tiġi ppreżentata wkoll **dikjarazzjoni** li l-Kunsill Lokali jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli, u li kapaċi jonora l-obbligazzjonijiet proposti fl-applikazzjoni maħruġa mill-*Accountant* tal-Kunsill Lokali. Din id-dikjarazzjoni trid tkun iffirmata wkoll mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv;

5.13 L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv kif indikat fl-istess applikazzjoni. Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni trid tkun ukoll inizjalata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv;

5.14 **Applikazzjonijiet mhux kompluti skont kif ġie ndikat hawn fuq, jiġu eliminati.**

6. Kundizzjonijiet dwar l-Implimentazzjoni

6.1 Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, fuq il-kriterji stabbiliti f'din iċ-Ċirkulari. Għaldaqstant, il-Kunsill

Lokali huwa obbligat li **jiffinanzja 15% ma' l-ammont mogħti lilu** u ħa jkun jista' jibbenefika minn finanzjament sa massimu ta' €30,000 (inkluż l-VAT);

6.2 Spejjeż addizzjonali mhux imsemmija fl-applikazzjoni sottomessa mill-istess Kunsill/i Lokali ma' jsirx rimborż fuqhom;

6.3 Ix-xogħlijiet jew servizzi li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsiru sal-**Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2028;**

6.4 Ix-xogħlijiet/servizzi huma suġġetti għal-spezzjonijiet minn rappreżentanti tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali;

6.5 Il-Kunsill Lokali jrid jimxi strettament mar-Regolamenti dwar l-Akkwist u dawk finanzjarji, kif ukoll huwa obbligat li jottjeni kwalunkwe permessi u/jew liċenzji li jistgħu jkunu meħtieġa in konnessjoni max-xogħlijiet jew servizzi;

6.6 Il-Kunsill/i Lokali għandhom strettament iżomm mal-proġett propost fl-applikazzjoni u li jkun ġie approvat mill-Bord ta' Evalwazzjoni. **Għaldaqstant, jekk ikun hemm bżonn xi tibdil jew varjazzjoni fil-proposta, iridu jinnotifikaw lid-Direttorat minnufih. Il-bidliet ma' jistgħux isiru sakemm ma' tingħatax l-approvazzjoni minn dan id-Direttorat;**

6.7 Fejn hu applikabbli, fiż-żona tal-proġett, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha ta' saħħa u siġurtà;

6.8 Proġetti li jirrigwardjaw persuni b'diżabilità għandhom ikunu in konformità mar-regolamenti u ċċertifikati mis-CRPD;

6.9 Il-Kunsill Lokali li ħa japplika għal dan il-finanzjament huwa obbligat li **jissottometti r-rapport ta' progress kull tlett xhur** fejn jiddikjara l-istat attwali tax-xogħlijiet, inkluż ukoll x'ħa jsir fix-xahar ta' wara;

6.10 Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li kif jiġi konkluż il-proġett sottomess tintbagħat id-dokumentazzjoni finali lil dan id-Direttorat li għandha tinkludi:

- Kopji awtentiċi tal-fatturi u l-irċevuti fiskali ta' l-ispiża **globali**;
- Ritratti tax-xogħol imwettaq;
- Dikjarazzjoni mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv illi tali ħlasijiet ġew imwettqa;
- Kopja tal-iskeda tal-pagamenti sħiħa approvata mill-Kunsill Lokali u ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv inkluż il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ġie approvat tali ħlas;
- Ċertifikazzjoni minn perit jew persuna kompetenti (kif applikabbli) tax-xogħlijiet imwettqa kemm fuq kwalità, kif ukoll fuq Saħħa u Sigurtà. Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun fuq livell Ewropej;
- Dokumenti relatati mal-promozzjoni u reklamar/*branding* tal-proġett;
- Ir-Rapport ta' Progress komplut iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Din id-dokumentazzjoni trid tkun dejjem iffirmata u inizjalata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u għandha tintbagħat lil dan id-Diretttorat permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa, 25 ta' Awwissu 2028**;

6.11 Dan id-Direttorat jirriserva dritt li jitlob kwalunkwe dokument ieħor relatat mal-proġett;

6.12 Il-Kunsill Lokali huwa **obbligat li jippromovi l-proġett** u jindika li dan qed isir bl-appoġġ finanzjarju tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-promozzjoni għandha ssir permezz tal-midja soċjali u permezz ta' mezzi varji ta' kommunikazzjoni.

6.13 Id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' Policy qiegħed minn issa jeżonera ruħhu mir-responsabbilità f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-Kunsill/i Lokali li jonoraw xi liġi msemmiha hawn fuq jew oħrajn relatati. Għaldaqstant, jekk il-Kunsill Lokali jikser xi provvediment tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363), regolamenti finanzjarji, xi liġijiet oħra relevanti jew xi kundizzjoni msemmiha f'din iċ-Ċirkulari, id-Direttorat jirriserva wkoll d-dritt li jirtira l-fondi kommessi.

6.14 Jekk il-Kunsill Lokali jonqos minn xi obbligu ta' dawn il-kundizzjonijiet jew oħrajn inklużi fil-ftehim li jiġi ffirmat ma dan id-Direttorat jista' jiġi ppenalizzat jew saħansitra jiġu rrtirati l-fondi kommessi.

7. Proċedura tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet jintlaqgħu biss fuq il-formola stabbilità, mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I) u kif imsemmi aktar 'il fuq, iridu jkunu ffirmati u inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li jkunu tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill;

7.2 L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu permezz tal-imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt. **Applikazzjonijiet li jintbagħtu fuq indirizz elettroniku differenti ma jiġux ikkunsidrati;**

7.3 Il-Kunsilli Lokali li jixtiequ japplikaw għal dan il-finanzjament għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom sa mhux iktar tard minn nhar **il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026;**

7.4 Applikazzjonijiet **li jaslu tard u mhux kompluti skont kif indikat f'din iċ-Ċirkulari mhux se jkunu kkunsidrati;**

7.5 Kull sottomissjoni ħa tiġi evalwata minn Bord ta' Evalwazzjoni li ħa jinkludi professjonisti f'dan il-qasam, li jiġi maħtur mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali;

7.6 Kull Kunsill Lokali li japplika jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni tal-bord ta' Evalwazzjoni permezz ta' imejl uffiċjali mid-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Id-

deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Evalwazzjoni hija waħda finali.

Marisa Pisani (iffirmata)
Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Mehmuża: Appendiċi I: Applikazzjoni
Appendiċi II: Pjan ta'Azzjoni/Rapport ta' Progress

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali
Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport
Direttur, Konformità tal-Finanzi u tal-Akkwist
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni